# L-Isqaq

minn Rachel Camilleri

Fil-qalba tar-raħal
fi sqaq wara l-knisja
qattajt jien żgħoriti
f'dik l-għorfa tan-nanna
flimkien mal-kuġini
u t-tfal tal-ġirien.

Kemm ġrejna bir-rota
kemm lgħabna biż-żibeġ
bil-boċċi u bil-pupi
jew ħarba u noli
'il bogħod mill-perikli
għall-wens tal-isqaq.

Kemm dwew l-ilħna tagħna
ferrieħa u werżieqa
jittantaw joħonqu
l-għajjat t'ommijietna
u l-qniepen tal-knisja
ilissnu s-sigħat.

L-irwejjaħ tal-brodu
kusksu jew kawlata
stuffat bil-qarnita
torta jew pudina
xħin joqrob nofsinhar
ifewħu l-isqaq.

Fl-iljieli sajfija
kif dalmet il-lejl troxx
jinħarġu l-banketti
tas-soda siġġijiet
u jintasbu jpaċpċu
Sunta w Katarin.

Illum l-isqaq sieket
u tkeffen fil-ħemda
fil-baħħ solitarju
tal-ħajja wisq mgħaġġla
għax għera l-għetiebi
u siktu it-tfal.